REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/8

tal-5 ta' Jannar 2016

li jispeċifika l-karatteristiċi tekniċi tal-modulu *ad hoc* tal-2017 dwar l-impjiegi indipendenti (self-employment)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) Bl-iskop li jiġi mmonitorjat il-progress lejn l-objettivi komuni stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020, il-Kummissjoni għandha tirċievi mingħand l-Istati Membri sett komprensiv ta' dejta dwar l-impjiegi indipendenti li jippermetti li jsiru paraguni bejn l-Istati Membri.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 318/2013 [2] jistabbilixxi modulu *ad hoc* dwar l-impjiegi indipendenti.

(3) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1397/2014 [3] jispeċifika u jiddeskrivi l-oqsma ta' informazzjoni speċjalizzata ("submoduli *ad hoc*") li jridu jiġu inklużi fil-modulu *ad hoc* tal-2017 dwar l-impjiegi indipendenti.

(4) Il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-karatteristiċi tekniċi, il-filtri, il-kodiċijiet u l-iskadenza għat-trażmissjoni tad-dejta skont is-submodulu *ad hoc* dwar l-impjiegi indipendenti.

(5) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-karatteristiċi tekniċi tal-modulu *ad hoc* tal-2017 dwar l-impjiegi indipendenti, il-filtri u l-kodiċijiet li għandhom jintużaw, u l-iskadenza sa meta għandha tintbagħat lill-Kummissjoni huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[1] ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 318/2013 tat-8 ta' April 2013 li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin mill-2016 sal-2018, għall-istħarriġ permezz ta' kampjun dwar il-forza tax-xogħol previst mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 99, 9.4.2013, p. 11).

[3] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1397/2014 tat-22 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 318/2013 li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin mill-2016 sal-2018, għall-istħarriġ permezz ta' kampjun dwar il-forza tax-xogħol previst mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 42).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Jannar 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Dan l-Anness jistabbilixxi l-karatteristiċi tekniċi, il-filtri u l-kodiċijiet li għandhom jintużaw fil-modulu *ad hoc* dwar l-impjiegi indipendenti skedat li jsir fl-2017. Dan jistabbilixxi wkoll id-dati ta' meta trid titressaq id-dejta lill-Kummissjoni.

L-iskadenza għat-trażmissjoni tar-riżultati lill-Kummissjoni: Il-31 ta' Marzu 2018.

Il-filtri u l-kodiċijiet li għandhom jintużaw għat-trażmissjoni tad-dejta: kif stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 ([1]).

Il-kolonni riżervati għall-fatturi ta' ponderazzjoni opzjonali — dawn għandhom jintużaw f'każijiet ta' subkampjunar jew nuqqas ta' tweġiba. il-kolonni 222-225 li fihom numri sħaħ u l-kolonni 226-227 li fihom pożizzjonijiet deċimali.

(1) **Submodulu "Impjieg indipendenti ekonomikament dipendenti"**

L-isem/Il-kolonna	Il-kodiċi	Id-deskrizzjoni	Il-filtru
MAINCLNT		**Id-dipendenza ekonomika**	STAPRO = 1,2
211		*In-numru u l-importanza ta' klijenti f'dawn l-aħħar 12-il xahar*	
	1	L-ebda klijent f'dawn l-aħħar 12-il xahar	
	2	Klijent wieħed biss f'dawn l-aħħar 12-il xahar	
	3	2-9 klijenti f'dawn l-aħħar 12-il xahar, iżda wieħed kien dominanti	
	4	2-9 klijenti f'dawn l-aħħar 12-il xahar, u l-ebda wieħed ma kien dominanti	
	5	Aktar minn 9 klijenti f'dawn l-aħħar 12-il xahar, iżda wieħed kien dominanti	
	6	Aktar minn 9 klijenti f'dawn l-aħħar 12-il xahar, l-ebda wieħed ma kien dominanti	
	9	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
WORKORG		**Dipendenza organizzattiva**	STAPRO = 1,2 AND MAINCLNT ≠ 1
212		*Influwenza fuq kif jiġu deċiżi l-ħinijiet tax-xogħol*	
	1	Il-parteċipant jiddeċiedi	
	2	Il-klijent(i) tal-partċipant jiddeċiedi/u	
	3	Kwalunkwe parti oħra tiddeċiedi	
	9	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 tal-25 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni ta' data mill-2009 'il quddiem, u l-użu ta' subkampjun għall-ġbir ta' data dwar il-varjabbli strutturali u d-definizzjoni tal-kwarti ta' referenza (ĠU L 114, 26.4.2008, p. 57).

(2) **Submodulu "Kundizzjonijiet tax-xogħol ta' dawk li jaħdmu għal rashom"**

L-isem/Il-kolonna	Il-kodiċi	Id-deskrizzjoni	Il-filtru
REASSE		**Ir-raġuni ewlenija għaliex bdew jaħdmu għal rashom**	STAPRO = 1,2
213		*Ir-raġuni ewlenija għaliex bdew jaħdmu għal rashom meta bdew jaħdmu għal rashom fl-impjieg attwali*	
	1	Ma setax isib impjieg bħala impjegat	
	2	L-ex-impjegatur tal-parteċipant talab lill-parteċipant jibda jaħdem għal rasu	
	3	Hija l-prattika normali fil-qasam tal-parteċipant	
	4	Inqalgħet opportunità tajba	
	5	Kompla negozju tal-familja	
	6	La ried u lanqas ippjana li jibda jaħdem għal rasu, iżda beda jaħdem bħala ħaddiem għal rasu għal raġuni oħra li ġietx elenkata qabel	
	7	Ried jibda jaħdem għal rasu minħabba ħinijiet tax-xogħol flessibbli	
	8	Ried jaħdem għal rasu għal raġuni oħra	
	9	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
SEDIFFIC		**Id-diffikultà ewlenija bħala persuna li taħdem għal rasha**	STAPRO = 1,2
214		*Id-diffikultà ewlenija awtoperċepita bħala impjegat indipendenti matul l-aħħar 12-il xahar*	
	0	Nuqqas ta' influwenza fuq l-iffissar tal-prezz tax-xogħol tiegħu stess	
	1	Nuqqas ta' aċċess għall-finanzjament għan-negozju	
	2	Il-ħlasijiet idumu ma jsiru jew ma jsirux	
	3	Livelli ta' piż amministrattiv mhux xierqa	
	4	In-nuqqas ta' dħul f'każ ta' mard	
	5	Perijodi ta' diffikultà finanzjarja	
	6	Perjodi mingħajr ebda klijent, mingħajr ċessjonijiet jew proġetti biex jaħdem fuqhom	
	7	Diffikultà oħra	
	8	Ma kellu l-ebda diffikultà	
	9	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
REASNOEM		**Ir-raġuni ewlenija għaliex ma għandux impjegati miegħu**	STAPRO = 2
215		*Ir-raġuni ewlenija awtoperċepita għaliex ma għandux impjegati miegħu*	
	0	Il-parteċipant primarjament jixtieq jimpjega ruħu	
	1	Ma hemmx biżżejjed xogħol	

L-isem/Il-kolonna	Il-kodiċi	Id-deskrizzjoni	Il-filtru
	2	Diffiċli li jinstab staff xieraq	
	3	Il-qafas legali hu kkumplikat wisq	
	4	Kontribuzzjonijiet soċjali għoljin	
	5	Mhux possibbli fl-okkupazzjoni tal-parteċipant	
	6	Il-parteċipant jippreferi li jaħdem ma' sottokuntratturi jew kumpaniji assoċjati	
	7	Il-klijient(i) jrid(u) lill-parteċipant jagħmel ix-xogħol	
	8	Raġuni oħra	
	9	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
BPARTNER		**Jaħdem ma' sħab kummerċjali**	STAPRO = 1,2
216		*Jaħdem ma' sid konġunt u/jew f'netwerk ta' ħaddiema għal rashom oħra*	
	1	Jaħdem flimkien ma' sid konġunt	
	2	Jaħdem flimkien ma' oħrajn li jaħdmu għal rashom f'netwerk	
	3	It-tnejn	
	4	L-ebda minnhom	
	9	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
PLANEMPL		**Rekrutar ippjanat ta' impjegati jew sottokuntratturi**	STAPRO = 1,2
217		*Pjanijiet biex jimpjega impjegati u jagħti sottokuntratti fit-12-il xahar li ġejjin*	
	1	Pjanijiet biex jimpjega impjegati permanenti biss	
	2	Pjanijiet biex jimpjega impjegati temporanji biss	
	3	Pjanijiet biex jimpjega kemm impjegati permanenti kif ukoll impjegati temporanji	
	4	Pjanijiet biex jimpjega s-sottokuntratturi biss	
	5	Pjanijiet biex jimpjega sottokuntratturi u impjegati	
	6	M'għandux pjanijiet biex jimpjega impjegati jew sottokuntratturi	
	9	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	

(3) **Is-submodulu "Il-ħaddiema għal rashom u l-impjegati"**

L-isem/Il-kolonna	Il-kodiċi	Id-deskrizzjoni	Il-filtru
JBSATISF		**Is-sodisfazzjon tal-impjieg**	WSTATOR = 1,2
218		*Il-livell ta' sodisfazzjon tal-impjieg bħala parti mill-inpjieg prinċipali*	
	1	Sodisfatt ħafna	
	2	Sodisfatt mhux ħażin	

L-isem/Il-kolonna	Il-kodiċi	Id-deskrizzjoni	Il-filtru
	3	Ftit sodisfatt	
	4	Assolutament mhux sodisfatt	
	9	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
AUTONOMY		**L-awtonomija tal-impjieg**	WSTATOR = 1,2
219		*Il-livell ta' influwenza fuq il-kontenut u l-ordni tal-kompiti fl-impjieg prinċipali*	
	1	Jista' jinfluwenza kemm il-kontenut kif ukoll l-ordni tal-kompiti	
	2	Jista' jinfluwenza l-kontenut iżda mhux l-ordni tal-kompiti	
	3	Jista' jinfluwenza l-ordni iżda mhux il-kontenut tal-kompiti	
	4	La jista' jinfluwenza l-kontenut lanqas l-ordni tal-kompiti	
	9	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
PREFSTAP		**L-istatus professjonali preferut għall-impjieg prinċipali**	WSTATOR = 1,2
220		*Il-preferenza li jaħdem bħala impjegat jekk bħalissa jaħdem għal rasu, jew il-preferenza li jaħdem għal rasu jekk bħalissa qed jaħdem bħala impjegat*	
	1	Ma jridx ibiddel l-istatus professjonali	
	2	Hu impjegat indipendenti iżda jixtieq jaħdem bħala impjegat	
	3	Qed jaħdem bħala impjegat jew ħaddiem tal-familja iżda jixtieq ikun ħaddiem għal rasu.	
	9	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	
OBSTACSE		**Ir-raġuni ewlenija għaliex ma jiħux l-impjieg prinċipali bħala l-impjieg prinċipali**	PREFSTAP = 3
221		*Ir-raġuni ewlenija għaliex l-impjegati attwali jew il-ħaddiema tal-familja li jixtiequ jkunu ħaddiema għal rashom għadhom ma qalbux għall-istatus professjonali preferut tagħhom*	
	1	Sigurtà finanzjarja	
	2	Diffikultajiet biex jinkiseb il-finanzjament għan-negozju	
	3	Hemm wisq stress, responsabbiltajiet, jew riskju	
	4	Inqas kopertura tal-protezzjoni soċjali	
	5	Raġuni oħra	
	9	Ma japplikax (mhux inkluż fil-filtru)	
	Vojt	Ebda tweġiba/Ma nafx	